MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 815/2011

**Alexandra Palace Limited**
**C-8765**

**vs**

**Malta Yes My Meetings – Incentives – Conferences – Events Limited**
**C-43718**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet illi s-socjeta’ konvenut ghandha tigi kkundannata sabiex thallas lill-istess attrici s-somma ta’ elf sitt mija u disa’ Ewro (€1,609.00) rapprezentanti ammont dovut minnha in konnessjoni ma’ diversi *bookings* effettwati minnha fl-Alexandra Palace Hotel proprjeta’ ta’ l-attrici u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghax mid-data meta l-ammont kien dovut sad-data tal-effettiv pagament.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas rapprezentant taghha ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf sitt mija u disa’ Ewro (€1,609.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------